***Worksheet* S6.2.4**
Għaliex it-Torok ma rebħux lill-Gżejjer Maltin fl-1565?

**ID-DIFFIKULTAJIET LI ĦABBTU WIĊĊHOM MAGĦHOM IT-TOROK**

**Aqra u wieġeb.** *(materjal miġbur minn George Calleja)*

It-Torok kellhom ħafna iżjed suldati mill-Ordni ta' San Ġwann. Madankollu huma xorta spiċċaw telliefa. Għala ġara dan?

1. Il-Kavallieri u l-Maltin kienu magħluqa fil-fortizzi u l-ibliet li kienu mdawra bi swar għoljin u li kienu ġew imsaħħa u armati mill-aħjar li setgħu. Għalhekk ma kienx faċli li t-Torok jaqbdu u jidħlu fihom.
2. Kien hemm nuqqas ta' ftehim bejn il-kapijiet Torok fuq liema fortizzi għandhom jiġu attakkati l-ewwel. Dan in-nuqqas ta' ftehim fixkel lis-suldati Torok.
3. Matul l-Assedju l-Maltin u l-Kavallieri taw sehemhom bi qlubija u għaqda kbira. Din id-determinazzjoni tal-Insara għenet biex it-Torok jindunaw li kellhom biċċa xogħol diffiċli quddiemhom u b'hekk il-moral tagħhom beda jonqos.
4. It-Torok ħadu iżjed minn xahar biex rebħu Sant'Iermu. Huma tilfu ħafna nies (fosthom lil Dragut) u b'hekk il-vantaġġ li kellhom ħafna iżjed suldati mill-Maltin u l-Kavallieri beda jintilef.
5. It-Torok kienu mbeżżgħa għax-xwieni tagħhom għax dawn kienu l-uniku mezz li huma setgħu jużaw biex imorru lura lejn pajjiżhom. Għalhekk huma spiċċaw f'tellieqa kontra ż-żmien għax riedu jirbħu lil Malta qabel ma jibda l-maltemp tax-xitwa li seta' jagħmilha diffiċli għax-xwieni tagħhom li jbaħħru fil-Mediterran. Barra minn dan, it-Torok kienu qegħdin jibżgħu li tasal l-għajnuna lill-Ordni mill-pajjiżi Nsara. Għalhekk ma' kull jum li kien jgħaddi t-Torok kienu qegħdin jaqtgħu qalbhom iżjed.
6. Qabel ma ngħalqu fil-fortizzi l-Maltin u l-Kavallieri qerdu dak kollu li ma setgħux idaħħlu magħhom. Għalhekk it-Torok sabuha bi tqila biex isibu x'jieklu u x'jixorbu. In-nuqqas ta' ilma fi żmien li tagħmel sħana kbira f'Malta żgur li kien żvantagg kbir għat-Torok li riedu jippruvaw jixxabbtu mas-swar.
7. Il-blat iebes ta' Malta għamilha kważi impossibbli għat-Torok ~~il~~li jużaw it-tattika tagħhom li jħaffru mini taħt is-swar tal-fortifikazzjonijiet. Fil-fatt, il-mina taghhom fil-Birgu lanqas irnexxiet. B'hekk is-swar kienu, fil-prattika, iżjed b'saħħithom milli kienu jidhru.

1. Għaliex taħseb li l-mewt ta' Dragut fixklet mhux ftit lit-Torok?

2. Għaliex taħseb li l-fatt li t-Torok rebħu Sant'Iermu ma qatax qalb il-Maltin u l-Kavallieri?

3. It-Torok kienu mgħaġġla ħafna biex jirbħu l-Assedju f'qasir żmien. Minn xiex taħseb li kienu qed jibżgħu?

4. Immaġina li inti suldat Tork sejjer lura lejn id-dar fuq xini wara t-telfa fl-Assedju l-Kbir ta' Malta. Ikteb fil-qosor il-ħsibijiet tiegħek.